MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 308/2009

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

***Twilight Enterprises Limited* u David Agius**

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsuha mija u tletin elf, mija u tnejn u sebgħin euro u ċenteżmu (€130,172.01) bilanċ ta’ self lis-soċjetà konvenuta, garantit mill-konvenut l-ieħor; qiegħda titlob ukoll l-imgħax mid-9 ta’ Frar 2009 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta’ żewġ ittri uffiċjali tat-8 ta’ Jannar 2009.
B’nota tal-10 ta’ Ġunju 2009 il-konvenuti ammettew it-talbiet tas-soċjetà attriċi.
Il-qorti għalhekk fuq ammissjoni tal-konvenuti tikkundannahom flimkien *in soldium* iħallsu lis-soċjetà attriċi mija u tletin elf, mija u tnejn u sebgħin euro u ċenteżmu (€130,172.01) flimkien mal-imgħax mid-9 ta’

Frar 2009 sa meta jsir il-ħlas u l-ispejjeż tal-kawża u tal-ittri uffiċjali tat-8 ta’ Jannar 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------